# Minuti tal-443 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Diċembru, 2014

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius u s-Sinjura Anna Calleja.

Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-7.05 ta' filgħaxija u s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) kien skużat.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil, kienet skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar ta' paġna 208, u wara il-kliem "Is-Sur John J Pace" jidħol il-kliem "għal darb oħra".

Il-minuti tal-441 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

Il-minuti tal-442 laqgħa ukoll ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

Item 3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet f'hix waslu id-diskussjonijiet dwar il-*lift* peress illi kien għadu bil-ħsara. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-ġranet li ġejjin kienet ser issir laqgħa mad-Direttur tal-kumpanija Central Trading Co Limited.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienetx saret talba għall-installazzjoni ta' *speed camera* fi Triq Labour. Is-Sindku qal illi kien ressaq is-suġġerimenti tal-Kunsill lill-Transport Malta iżda t-talba ma ġietx aċċettata.

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' issuġġerixxa li jsiru *road humps* jekk l-applikazzjoni għal *speed cameras* ma ġietx aċċettata.

Is-Sur John J Pace tkellem dwar il-bżonn li jsir *refresh* tar-*reserved parking* li hemm fi Triq is-Santwarju maġenb il-knisja. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-applikant li kien għamel it-talba sabiex issir ir-*reserved parking* li kien hemm maġenb il-knisja kien miet. Is-Sur John J Pace qal li din ir-*reserved parking* fil-viċinanzi tal-knisja hija meħtieġa għall-użu ta' persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sur Joseph Agius reġa' qal li wħud mill-ilmenti li kien ressaq quddiem il-Kunsill kienu għadhom ma ġewx indirizzati partikularment l-ilmenti relatati ma' ħtiġijiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sur Joe Agius talab sabiex jitneħħa *parking bay* li hemm quddiem rampa fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi tal-monument ta' Agatha Barbara.

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li tiġi rranġata parti minn Triq il-Qaqoċċ peress illi niżlet t-triq.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien irraporta bozza maqtugħa fi Sqaq Nofsinhar u din kienet baqgħet ma ġietx irranġata.

Is-Sur Brian Spiteri talab li titwaħħal tabella sabiex ma jintremix skart maġenb ir-residenza '*White Rose* fi Triq Bajada.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitati għall-Persuni b'Diżabilità u Inklużjoni Soċjali. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Item 5 – Korrispondenza

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Viċi-Sindku, s-Sur Domenic Agius kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (19 ta' Mejju 2014 sal-24 ta' Novembru 2014) għal-laqgħat tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tal-Viċi-Sindku kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob li l-post tal-Viċi-Sindku ma jiġix dikjarat vakanti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2015 fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ser tkun ta' €796,199.

Inqrat stedina mibgħuta mill-istoriku s-Sur Richard Azzopardi, fejn stieden lill-Kunsillier inkarigat mill-Kultura jieħu gruppi f'kappella fejn qiegħda ssir wirja ta' presepji u bambini.

Inqrat korrispondenza mibgħuta miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ dwar seduta li saret fid-19 ta' Settembru, 2014 b'konnessjoni mat-talba għall-ħlas li kienet qed issir mill-kumpanija *Karmig Trading Limited* li kien qed jitlob lill-Kunsill iħallas is-somma ta' €49,012 bħala taxxa fuq il-valur mizjud għax-xogħlijiet li saru minn din il-kumpanija. Iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ ordna lill-Kunsill iħallas is-somma ta' €49,084.05 lill-Kumpanija Karmig Trading Limited kif ukoll iħallas terz mill-ispejjeż relatati mal-arbitraġġ. Kwantu għal €61,910,01 riferibilment għall-penali u kwantu għal €57,492.44 riferibilment għall-interessi, l-artbitru ordna li dawn m'għandhomx jitħallsu mill-Kunsill.

Fis-7.05 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Maġġur tal-Pulizija Francis Rodgers fejn il-Kunsill intalab jixtri *blinker lights* li kienu ġew mislufa lill-Kunsill sabiex jitwaħħlu ma' *traffic barriers* u li ġew misruqa waqt l-attivita` *Christmas Village.* Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw il-*blinker lights* mill-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Josephine Schembri mill-MCCAA fejn talbet lill-Kunsill sabiex jipprovdi s-sala tal-Kunsill armata bil-*projector* u *screen* sabiex ikunu jistgħu jsiru korsijiet għall-bdiewa u ħaddiema fis-settur agrikolu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekonda mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob aktar informazzjoni dwar dawn il-korsijiet.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Darren Zammit dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Kevin Gatt dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn qed jintalab kumpens ta' €80 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident.

Is-Sur Mark Grech qal illi ix-xogħol ta' manutenzjoni fi Triq il-Kunvent għandu jingħata prijorita`.

Inqrat stedina mibgħuta mill-Onorevoli Silvio Parnis fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa f'laqgħa ta' diskussjoni li ser issir nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar, 2015 mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Noel Castillo, Direttur tal-kumpanija *Leon Promotions* dwar l-organizzazzjoni għall-attivita` tal-Karnival tas-sena d-dieħla. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi din il-korrispondenza lis-Sur Joseph Vella, Kunsillier responsabbli mis-Sotto-kumitat għall-Kultura.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi t-talba biex il-Kunsill ikun jista` jagħmel xogħol ta' *extensive patching* minflok *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied ma ġietx milqugħa.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jitwaqqaf il-proġett ta' xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied.

Item 6 - Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu 25 ta' Novembru, 2014 u t-23 ta' Diċembru, 2014 li kienet tammonta għal €108,000.39.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2014 li kien jammonta għal €110.35.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jiddiskuti l-attivita` *Christmas Village* (2014) fil-laqgħa li jmiss u dan ikun *item* fl-agenda tal-laqgħa.

Is-Sur John J Pace talab li jkun jaf kemm inkitbu anzjani il-Kunsill sabiex jieħdu t-titqiba ta' kontra l-influenza, kemm inġiebu *injections* l-Kunsill, kemm kien fadal *injections*, kemm ġew *nurses* u kemm swiet l-ispiża biex jagħtu s-servizz tat-titqib, kif ukoll kemm il-siegħa ħadmu n-*nurses* u liema kienu l-ġranet li fihom ingħataw it-titqib ta' kontra l-influwenza. Is-Sindku qal li din l-informazzjoni ser tingħata f'laqgħa oħra

Fis-7.30 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Jane Gauci fejn talbet sabiex mill-1 ta' Jannar 2015 ir-rata tal-ħlas għas-servizz ta' tindif fl-uffiċini tal-Kunsill tkun ta' €5.00 is-siegħa minflok ta' €4.66. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Jane Gauci titħallas bir-rata ta' €5.00 is-siegħa.

Inqrat korrispondenza li s-Segretarju Eżekuttiv kiteb lis-Sindku u lill-Kunsillieri fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iġedded 80 siegħa ta' *vacation leave* għas-sena 2015 peress illi minħabba esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibbli għalih, bħall-kumplament tal-*istaff*, li jagħmel użu sħiħ mill-*entitlement* tal-*vacation leave* tiegħu għas-sena 2014. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lid-Direttur għall-Gvern Lokali biex japprova dan it-tiġdid.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel ukoll li tiġi milqugħa t-talba tal-impjegati tal-Kunsill is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto biex iġġedded 18 –il siegħat *time-off in-lieu* għas-sena d-dieħla, kif ukoll tal-impjegata s-Sinjorina Mary Rose Caruana biex iġedded 60.25 siegħa *time-off in-lieu* u 19.25 leave għas-sena 2015.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati s-Sinjura Isabelle Testaferrata de Noto u s-Sinjorina MaryRose Caruana minflok jieħdu *time-off in-lieu* meta jidħlu xogħol nhar ta' Sibt jibdew jitħallsu pro-rata u dan biex ma jkunx hemm aktar akkumular ta' ġranet ta' *leave*.

Fis-7.40 ta' filgħaxija l-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mingħand l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Isabelle Testaferrata de Noto dwar talba biex tkompli taħdem ħinijiet imnaqqsa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem ħinijiet mnaqqsa tiġi milqugħa għall-perjodu ta' sena.

Item 8- Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sinjorina Claire Marie Axiaq ma kienetx aċċettat l-impjieg għall-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv. Is-Sindku qal ukoll illi s-Sur Tarcisio Darmanin, li ġie klassifikat t-tieni fil-lista tal-għażla ma kienx aċċetta din il-kariga u l-istess għamlet is-Sinjorina Annalise Cini li wkoll ġabet riżultat iktar mill-medja u kienet it-tielet fl-ordni tal-mertu.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jitlob il-permess mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ sabiex tinħareġ sejħa pubblika għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13.

Item 9 - Deċiżjoni dwar il-kuntratti

Offerti għas-servizz ta' *Accountant* (ZLC 10/2011)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *accountant* ( ZBR 10/2011) kien ser jagħlaq fis-26 ta' Frar, 2015. Dan il-kuntratt ma jistax jerġa` jiġi mġedded u trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Offerti għall-ġbir ta' Skart Goff (1/2012)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għall-ġbir ta' skart goff (ZBR 1/2012) kien ser jagħlaq fit-12 ta' Marzu 2015. Dan il-kuntratt ma jistax jerġa` jiġi

mġedded u trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Offerti għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2013)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2013) kien se jagħlaq fis-17 ta' Marzu, 2015 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jġedditx dan il-kuntratt u minflok tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Ħadd filgħaxija waqt l-attivita` Christmas Village ma kienx hemm *attendant* mal-latrina. Is-Sur Joseph Bonnici qal illi minkejja li kien ġie rraporta lill-kuntrattur li hemm *toilet* imkisser fil-latrina, dan baqa' ma ġiex irranġat.

Item 7 - *Performance Bonus* tal-Impjegati

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*performance bonus appraisal* tal-impjegati. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-*perfomance bonus appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel b'5 voti favur u 4 voti kontra li s-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati kollha jieħdu l-massimu tal-*performance bonus*.

Fit-8.40 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

Item 10 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku awgura l-festi t-tajba lil kulħadd.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien twaħħal arblu ġdid fi Triq in-Newl iżda l bozza kienet għada mwaħħla mal-arblu l-qadim.

Is-Sinjura Calleja talbet ukoll li jsir *refresh* ta' *stop sign* fi Triq il-Ġilbiena ma' Triq Santa Duminka.

Is-Sinjura Calleja qalet illi kienet saret laqgħa flimkien mas-Sindku u d-Direttur taċ-*China Cultural Centre* fejn fost affarijiet oħra ġew diskussi inizjattivi li jistgħu jittieħdu flimkien.

Is-Sinjura Calleja qalet li hemm bankina mkissra u *railing* maqlugħ fi Triq il-Kunvent ma' Triq Felice. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa wkoll kien diġa ressaq dan l-ilment.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-*railing* kien ser jiġi rranġat mill-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali peress illi kien inkiser f'inċident tat-traffiku.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir *patching* fi Triq Lia u fi Triq l-Iskola.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kienu ser jitqassmu l-*flyers* tal-laqgħat mal-pubbliku u talbet li magħhom jitqassmu l-*flyers* tal-NCPE dwar it-*talks* edukattivi li ser isiru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex meta ssir xi laqgħa b'urġenza tal-Kunsill jintbgħat ukoll messaġġ fuq il-mobajl.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex isir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fil-viċinanzi ta' Triq l-10 ta' Settembru, 1798.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li ssir il-laqgħa ma' Dr Cuschieri, rappreżentant tal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Limited,* liema kumpanija responsabbli mis-*soft areas* f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur John J Pace semma l-possibbilta` li jiġi estiż il-*culvert* għall-ewwel u l-aħħar parti ta' Triq il-Kbira.

Is-Sur John J Pace staqsa kemm kienet in-nefqa sabiex il-grupp *Airport Impression* jagħti *performance* fl-attivita` *Christmas Village*. Is-Sindku qal illi n-nefqa kienet €1,000.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tiġi rranġata ħofra kbira li hemm fi Triq Wied il-Għajn kif ukoll fi Triq iż-Żejtun.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tiġi rranġata parti minn Triq San Ġużepp peress illi r-resident li joqgħod *The Mumbles*, Triq San Ġużepp kien qed jidħollu l-ilma tax-xita fil-*basement*.

Is-Sur Brian Spiteri qal illi fi Triq il-Magħsar kien qiegħed iżomm l-ilma tax-xita fit-triq.

Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fil-15 ta' Jannar kien ser jorganizza attivita` għall-anzjani.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

<u>Item 11 - Aġġornament</u>

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar, 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-444 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 19 ta' Jannar, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku